**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-KUMMERC)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum it-Tlieta 24 ta` Settembru 2019**

**Rik. Nru. 3/2019 JZM**

**D.M. Holdings Limited (C-8404)**

***kontra***

**1 Unitrade Limited (C-9456)**

**2 Joseph Vincent sive Jovan Mizzi (ID 340061M)**

**3 Gabrielle Mizzi (ID 80865M) ghal kull interess li jista` jkollha bhala komparteci fil-komunjoni tal-akkwisti ma` zewgha Joseph Vincent sive`**

**Jovan Mizzi**

**4 Mizzi Group Limited (C-21948)**
**ghal kull interess li jista` jkollha,**
***u* b`digriet tat-28 ta` Mejju 2019 l-**
**Avukat Dr Charmaine Cherrett giet**
**nominata bhala kuratur *ad litem* ghas-**
**socjeta` Mizzi Group Limited (C-21948)**

**Dan huwa digriet li qieghed jibghata fil-miftuh dwar rikors li pprezenta l-intimat Joseph Vincent sive` Jovan Mizzi fit-13 ta` Gunju 2019 (fol 115 sa fol 117).**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors.

Rat id-digriet taghha tal-14 ta` Gunju 2019.

Rat ir-risposta li pprezentat D.M. Holdings Limited fil-21 ta` Gunju 2019.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-11 ta` Lulju 2019.

Semghet is-sottomissjoni bil-fomm li saru dwar ir-rikors fl-udjenza tal-11 ta` Lulju 2019.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

Il-premessi tar-rikors in kwistjoni kienu segwiti minn din it-talba :-

*Ghaldaqstant l-esponenti qieghed jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex, ghar-ragunijiet premessi,* ***tirrevoka contario imperio d-digriet taghha tat-28 ta` Mejju 2019*** *fir-rigward tal-ordni taghha sabiex l-esponenti Jovan Mizzi jipprezenta dawn id-dokumenti kontenenti informazzjoni kunfidenzjali sensittiva relatata man-negozju tieghu u ma tippermettix lill-atturi jinqdew bl-ghodda legali ghall-iskopijiet ulterjuri taghhom, salv dawk il-provvedimenti u/jew dikjarazzjonijiet illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.* (enfasi u sottolinear ta` din il-qorti)

Fl-udjenza tal-11 ta` Lulju 2019, qabel ghamlu s-sottomissjonijiet taghhom, il-partijiet qablu li d-digriet li tat din il-Qorti fit-28 ta` Mejju 2019 kien digriet interlokutorju.

Propju ghaliex kien digriet ta` din ix-xorta, trid necessarjament tqis l-eccezzjoni preliminari ta` D.M. Holdings Limited, ghaliex dak prospettat b`dik l-eccezzjoni jaghti lok ghal pregudizzjali ta` dritt, li jekk l-eccezzjoni tkun akkolta, izomm lil din il-qorti milli taghti tqis il-mertu tar-rikors.

**Ikkunsidrat :**

Rat id-disposizzjonijiet tal-Kap 12 li abbazi taghhom D.M. Holdings Limited qeghda ssostni l-eccezzjoni preliminari taghha.

Wara li ghamlet il-konsiderazzjonijiet taghha, issib li l-pregudizzjali ta` D.M. Holdings Limited hija ben sorretta fid-dritt.

Tghid hekk anke wara li ghamel esami akkurat tad-diversi subartikoli tal-Art 229 tal-Kap 12.

Ghandu jkun pacifiku li t-termini li jirrizultaw fl-Art 229 tal-Kap 12, huma perentorji, u ghaliex huma hekk, huma ta` ordni pubbliku, li jfisser li jesigu osservanza stretta.

Ladarba d-digriet in kwistjoni kien interlokutorju, jekk dehrlu li kellu fejn jilmenta mill-esitu ta`dak id-digriet, l-intimat Mizzi kellu joqghod ghall-osservanza stretta ta` dak li trid il-ligi, dwar il-mod u manjiera ta` kif kellu jindirizza l-ilment tieghu, fl-ambitu tad-diversi s-subartikoli tal-Art 229 tal-Kap 12, ladarba d-digriet de quo kien interlokutorju.

Wara debita analizi, issib li s-subartikoli (1) u (2) tal-Art 229 tal-Kap 12 ma jghoddux ghall-kaz tal-lum.

Issib li dak applikabbli huwa s-subartikolu (3).

Teskludi ghal kollox l-applikazzjoni tas-subartikolu (4) ghaliex fir-rikors tieghu, l-intimat Mizzi mhuwiex jitlob lil din il-qorti sabiex tqis mill-gdid il-provvediment taghha.

Billi, bl-aktar mod car u inekwivoku,l-intimat Mizzi qieghed jitlob ir-*revoka contrario imperio* tal-provvediment taghha, allura japplika s-subartikolu (3) li jesigi l-osservanza ta` termini li, jekk jekk mhux osservati, jgibu maghhom id-dekadenza tal-pretensjoni.

Jirrizulta li l-intimat Mizzi baqa` nadempjenti fl-osservanza taz-zmien stabbilit mil-ligi sabiex jitlob ir-revoka tad-digriet taghha de quo.

Billi jirrizulta li r-rikors de quo kien prezentat *fuori termine,* tenut kont ta` dak li jghid is-subartikolu (3) tal-Art 229 tal-Kap 12, tirrizulta ppruvata l-pregudizzjali ta` dritt sollevata mir-rikorrenti fl-eccezzjoni inizjali taghha, bil-konsegwenza li jkun ghal kollox inutili ghaliha li tqis it-talba tal-intimat Mizzi fil-mertu taghha.

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tilqa` l-pregudizzjali ta` dritt sollevata mir-rikorrenti fl-eccezzjoni tal-bidu kif dedotta fir-risposta ghar-rikors tal-intimat Mizzi.**

**Ghalhekk qeghda tichad it-talba tal-intimat Mizzi kif tirrizulta fir-rikors tieghu de quo.**

**Spejjez ghall-intimat Mizzi.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**